# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/493

**tas-17 ta' Marzu 2015**

**li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Latvijas Banka**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1. tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni BĊE/2015/3 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Frar 2015 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Latvijas Banka ([1]),

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali ta' Latvijas Banka skada wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2014. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni ġodda mis-sena finanzjarja 2015.

(3) Il-Banka Latvijas għażel lil KPMG Baltics SIA bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2015 sa 2019.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li KPMG Baltics SIA jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Latvijas Banka għas-snin finanzjarji 2015 sa 2019.

(5) Huwa adatt li tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ([2]) tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1(18) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"18. KPMG Baltics SIA huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Latvijas Banka għas-snin finanzjarji 2015 sa 2019".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

([1]) ĠU C 51, 13.2.2015, p. 4.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta’ Marzu 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. RINKĒVIČS